MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Numru 3/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Stanley Chircop

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 3 tas-sena 2006, kontra l-akkuzat Stanley Chircop, li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi bejn Novembru u Dicembru tal-elf disa mija u tmienja u disghin (1998)** *Stanley Chircop* **kien jittraffika u ibiegh id-droga herojina xjentement u illegalment lil diversi persuni fi bnadi differenti ta' Malta. Illi infatti hu kien ta droga herojina f'diversi okkazjonijiet, fost ohrajn lil certu Wahel Mahmud Awah. Illi dan** *Stanley Chircop* **kien jaghmlu biex ihajjar lil haddiehor jaqbad il-vizzju u l-bejgh tad droga, aparti il-qliegh tal-flus.**

**Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi** *Stanley Chircop* **la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre** *Stanley Chircop* **ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja u anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess** *Stanley Chircop* **ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi** *Stanley Chircop* **sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi** *Stanley Chircop* **hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-**

**President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 23, 18, 31, 20, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal Akkuza u cioe' f' Novembru u Dicembru 1998** *Stanley Chircop* **kien fil-pussess xjenti tad-droga herojina biex jittraffikha u fil-fatt ikkonsenja l-istess droga lil diversi persuni f'Malta. Illi dak il-pussess kien mezz u stadju wiehed sabiex ikun jista' imexxi id-droga f'idejn terzi**

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-ewwl Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi ***Stanley Chircop*** ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu id-droga fil-pussess tieghu.

Illi b'eghmilhu, l-imsemmi ***Stanley Chircop*** sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-dorga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi ***Stanley Chircop*** hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V u tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma

gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira Maltija izda mhux aktar minn ghaxar telef lira Maltija u l-konfiska ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 14(1)(5),20,22(1)(a)(2)(a)(ii),22(2) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi bejn Frar tas-sena elf disa mija u seba u disghin (1997) u Gunju elf disa mija u tmienja u disghin (1998)** *Stanley Chircop* **kien jittraffika u ibiegh id-droga kokajina xjentement u illegalment lil diversi persuni fi bnadi differenti ta’ Malta. Illi infatti hu kien ta droga kokajina f’diversi okkazjonijiet, fost ohrajn lil certu Claire Polidano, Noel Borg, Norman Mayo u Michael Sciberras. Illi dan** *Stanley Chircop* **kien jaghmlu biex ihajjar lil haddiehor jaqbad il-vizzju u l-bejgh tad droga, aparti il-qliegh tal-flus.**

Id-droga kokajina msemmija hija droga specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi ***Stanley Chircop*** la kellu licenzja mill-President ta’ Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre ***Stanley Chircop*** ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja u anqas kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li

jforni d-droga msemmija. L-istess ***Stanley Chircop*** ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilhu, l-imsemmi ***Stanley Chircop*** sar hati talli forna jew ipprokura jew offrra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordianza dwar-il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perrikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi ***Stanley Chircop*** hati talli ipprokura jew offrra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fir-Raba Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghal-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtiorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm50, 000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta'

mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u propjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, propjeta' mobbli jew propjeta immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe' bejn Frar tas-sena elf disa mija u seba u disghin (1997) u Gunju elf disa mija u tmienja u disghin (1998) ***Stanley Chircop*** kien fil-pussess, jittraffika u ibiegh id-droga kokajina xjentement u illegalment lil diversi persuni fi bnadi differenti ta' Malta. Illi infatti hu kien ta droga kokajina f'diversi okkazjonijiet, fost ohrajn lil certu Claire Polidano, Noel Borg, Norman Mayo u Michael Sciberras. Illi dan ***Stanley Chircop*** kien jaghmlu biex ihajjar lil haddiehor jaqbad il-vizzju u l-bejgh tad droga, aparti il-qliegh tal-flus.

Illi d-droga kokaina hija droga specifikata fl-ewwl skeda mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi ***Stanley Chircop*** ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu id-droga fil-pussess tieghu.

Illi b'eghmilhu, l-imsemmi ***Stanley Chircop*** sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni

mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-dorga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi ***Stanley Chircop*** hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhuz inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija izda mhux aktar minn ghaxar telef lira Maltija u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 14(1)(5),20,22(1)(a)(2)(a)(ii),22(2) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat minnu pprezentata fl-14 ta' Marzu, 2006 fejn eccepixxa illi l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, b'ghazla ta' l-Avukat Generali, ghalkemm skond il-ligi, u kif inhi l-ligi, taghti diskrezzjoni dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzat, tmur kontra l-principji tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u kontra l-Kostituzzjoni fl-Artikolu 39. Illi tali eccezzjoni diga' tqajmet u qeghda quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Godfey Ellul.**

**Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. Joseph Brincat ghall-akkuzat iddikjara li stante d-decizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 t'April, 2006, fil-kawza** "Godfrey Ellul vs. Avukat Generali"**, li nghatat wara li kienet giet ipprezentata din l-eccezzjoni preliminari, mhux il-kaz li tibqa' quddiem dawn it-Tribunali Maltin mantenuta din l-eccezzjoni.**

**Rat li in vista ta' dan il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li din il-Qorti f'dan l-istadju tista' tiddikjara din l-unika eccezzjoni preliminari bhala wahda frivola w vessatorja.**

**Rat illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fuq citata iddisponiet definittivament minn eccezzjoni identika bhal din u li fiha gie ddikjarat l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'ebda mod ma jikser il-jeddijiet fondamentali imharsa taht l-Artikolu 6, 7, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u fid-dawl tal-insenjament tal-istess sentenza, tiddikjara li llum it-tqanqil ta' din l-eccezzjoni li hija wahda strettament ta' indoli kostituzzjonali, huwa sempliciment vessatorju ai termini tal-artikoli 46(1)(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta w hekk qed tiddisponi din il-Qorti b'din id-decizzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------